Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Avviz Numru. 214/2004

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Joyce Dimech u Charles Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' l-ammont dovut ta' tlett telef mija u disgha u sebghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmi (LM 3179.38) dovuti in konnessjoni ma kambjali iffirmati u skaduti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Frar, 2004 bl-imghax legali;

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-13 ta' April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' tlett telef mija u disgha u sebghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmi (LM 3179.38) bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------